Hu kien dak li hu; b'saħħtu, bla mard,
bla mittiefes, safi, sultan il-ħolqien,
sakemm l-għamara ta' l-Ispirtu s-Santu,
maħruba mill-Ispirtu s-Santu,
sawtitu,
tertqitu,
beżqitlu,
ħakmitu
qalil u twerwer,
waħdu,
waħdu,
waħdu
minxur bejn sema u art
biex jagħmilna l-għamara
tal-Ispirtu s-Santu!

'Mma fuq rasi jwerden
l-ajruplan bla skrejjen;
igħaddi bil-lejl l-isputnik;
mixgħulin l-ibliet bin-neon,
id-dlam jistaħba;
liebes l-abjad, tas-sikkina,
mill-egħruq iqaxxar brunġiel il-kankru,
jaħsad l-infiħ li jeqred;
u lill-bubuni jwaddab,
mejtin fil-miżbla.
Quddiem l-antibijotiċi,
imgerrxa tarġa' lura l-Mewt imwerwra;
u kullimkien isaltan ħakkiem il-bniedem.

Inżel fuqi wkoll,
*et spiritum rectum*
*innova in visceribus meis.*
L-intejjen tan-niġġieża saffi
biex ħafif ngħum ġo l-ilma ġieri jleqq
ta' dawlek hieni.
Irfed il-ħarsa; il-ħsieb imgħaxxex arfa'.
X'jgħodd li l-magna ma taħdimx kif jixraq,
jekk min isuq
kien bnieha u jilgħab biha
u minnha joħroġ, jekk irid,



oħrajn wisq iġded
u jaqduH fli jrid?
u jaqduH fli jird?
*For thine is the power,*
*Thine is the glory!*

1950-1962

## LILL-MADONNA TAS-SAHHA

*Ta'* GIUS. MIFSUD BONNICI

O Marija, tjieba, imħabba·
Xebba u Omm minn t'Alla u tiegħi,
Lilek nitlob fil-hemm, fin-niket
Biex tfarraġni u tieqaf miegħi.

Meta l-mard ikun jifnini
Fuq is-sodda tal-uġigħ
Ngħajjat 'l Ismek f'waqt nistejqen,
Qalbi f'Qalbek biss tistrieħ.

Int tfejjaqli 'l ġismi, 'l ruħi
Issaffini mit-tniggiż,
Int timlieni b'tama sħiħa
Tfawwar qalbi b'ferħ qaddis.

F'tul il-mixja ta' dil-ħajja
Titlaqnix, ħaddanni miegħek
Sabiex fl-aħħar wara mewti
Ingawdik ma' l-Iben tiegħek.

St. Luke's Hospital
f'Jum il-Kunċizzjoni 1960.